# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 6**
**Rikors maħluf numru 1124/2011 SM**

**Sergio Manchè**

***v.***

**Carmel *sive* Charles Grech**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-partjiet kienu jmexxu negozju flimkien li, għall-għanijiet tat-Taxxa fuq id-Dħul u tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kien reġistrat fuq isem l-attur. Fit-12 ta' Settembru 2005 laħqu ftehim mal-awtoritajiet relativi illi jħallsu taxxa, b'kollox, ta' disgħa u tletin elf, erba' mija u disgħa u tmenin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€39,489.87). Bejniethom imbagħad il-partijiet ftiehmu li jaqsmu l-ħlas hekk: l-attur iħallas ħamsa

u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u tletin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€25,932.91) u l-konvenut iħallas tlittax-il elf, ħames mija u sitta u ħamsin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€13,556.95).

3. L-attur igħid illi hu ħallas sehmu iżda l-konvenut ma ħallasx. Minħabba f'hekk l-attur kellu jħallas dak li naqas milli jħallas il-konvenut; ħallas bin-nifs u l-aħħar ħlas għamlu fis-6 ta' Lulju tal-2010. Hemm ukoll xi mgħaxijiet u multi li għadhom pendenti. L-attur igħid illi b'hekk hu ġarrab u qiegħed iġarrab danni, u, billi għalxejn sejjaħ lill-konvenut biex jagħmel tajjeb, fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara lill-intimat Carmel *sive* Charles Grech inadempjenti fl-obbligi kontrattwali minnu assunti a favur ir-rikorrent *ai termini* tal-iskrittura datata 12 ta' Settembru 2005 u li b'konsegwenza ta' tali inadempjenza r-rikorrent sofra danni, konsistenti fi ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-*VAT oltre* multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment kif premess, ghal liema danni huwa unikament responsabbli l-intimat;
>
> »2. tillikwida, *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi, id-danni subiti mir-rikorrent *ai termini* tat-talba precedent! konsistenti *inter alia* fl-ammont ta' ħdax-il elf mija tlieta u tletin liri Maltin (Lm11,133), illum ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnjen u tletin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€25,932.91) rappreżentanti ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-*VAT* kif premess, kif ukoll multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti kif premess;
>
> »3. tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas id-danni likwidati *ai termini* tat-talba preċedenti konsistenti fl-ammont ta' ħdax-il elf, mija tlieta u tletin liri Maltin (Lm11,133], illum ekwivalenti ħamsa u għoxrin elf, disa' mija tnjen u tletin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€25,932.91) rappreżentanti ħlasijiet li l-istess rikorrent kien kostrett iħallas lid-Dipartiment tal-*VAT* kif premess, kif ukoll multi u mgħaxijiet li akkumulaw u għadhom qed jakkumulaw ulterjorment fuq l-istess ammonti hekk kif likwidat.«

4. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi t-talba tal-attur waqgħet bi preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili, jew ta' ħames snin taħt l-art. 2156(*f*).

5. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2156(*f*) għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Ikkunsidrat:

»… … …

»Illi bejn l-1998 u l-2004 il-kontendenti kienu jinnegozjaw flimkien bi shab; illi r-rikorrenti Manchè kien jimporta oġġetti bin-numru tal-*VAT* tiegħu u li għalihom kien iħallas l-intimat; illi l-intimat Grech għad baqagħlu jieħu mingħand ir-rikorrenti ammonti sostanzjali li l-istess Grech kien żborża biex iħallas għall-importazzjoni t'oġġetti ordnati mir-rikorrenti;

»Illi d-danni rikjamati mir-rikorrenti jikkonċernaw ħlasijiet magħmula mir-rikorrenti lid-Dipariment tal-*VAT*, liema ammonti, skont l-istess rikorrenti, kellhom minflok jitħallsu mill-intimat Grech;

»Illi mir-rikors promotur jirriżulta li l-ammont rikjamat mir-rikorrenti hu naxxenti kontrattwalment a bażi tal-ftehim bejn il-kontendenti odjerni datat it-12 ta' Settembru 2005;

»Illi … … … danni kontrattwali huma preskritti bid-dekors ta' ħames (5) snin;

»Illi skont l-artiklu 2137 tal-Kodiċi Ċivili:

> »"… … … il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi ezerċitata … … …";

»Illi tenut kont tar-riżultanzi kif anke esposti mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu il-preskrizzjoni in diżamina bdiet tiddekorri mill-ġurnata li fiha ġiet iffirmata l-obbligazzjoni *de quo*, senjatament it-12 ta' Settembru 2005, data tal-ftehim rikjamat mill-istess rikorrenti;

»Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li għadda perjodu t'aktar minn ħames (5) snin previst, u b'hekk l-azzjoni odjerna hi preskritta;

»Ikkonsidrat:

»Illi minn analiżi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti, jirriżulta s-segwenti:

»Illi l-kontendenti kienu jinnegozjaw bi sħab;

»Illi fit-12 ta' Settembru 2005, il-kontendenti ikkonkludew ftehim li permezz tiegħu qablu li jkollhom *joint assessment* mat-*Tax Compliance Unit* tad-Dipartiment tal-*VAT*;

»Illi *nonostante* dan il-ftehim, ir-rikorrenti kien akkollat bil-pagamenti kollha dovuti min-negozjanti hawn kontendenti;

»Illi riżultat tal-istess ir-rikorrenti ippromwova l-azzjoni odjerna biex jirkupra l-pagamenti dovuti mill-*ex*-soċju tiegħu, liema azzjoni hi datata l-15 ta' Novembru 2011;

»Illi bejn iż-żewġ dati hawn indikati [*sc.* it-12 ta' Settembru 2005 u il-15 ta' Novembru 2011] għandu jkun paċifiku li għadda perjodu ta' aktar minn ħames (5) snin rikjest fl-artiklu 2156(*f*) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

> »Illi għaldaqstant l-elementi rikjesti mill-artiklu msemmi fil-paragrafu preċedenti kollha jirriżultaw assodati;
>
> »Illi allura, *in vista* tal-istess, it-talba tar-rikorrenti Manchè tirriżulta preskritta skont il-liġi;
>
> »Illi *in vista* tal-premess takkolji l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Carmel *sive* Charles Grech u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili;
>
> »Illi konsegwentment tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-proċess;
>
> »Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Sergio Manchè.«

6. L-attur appella b'rikors tat-12 ta' Novembru 2013 li għalih il-konvenut wieġeb fl-14 ta' April 2014.

7. Qabel ma tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell il-qorti sejra tqis aggravju ġdid imressaq mill-attur waqt is-smigħ tal-appell, *viz.* illi meta ressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni l-konvenut ma tax il-ġurament li jrid l-art. 2160 tal-Kodiċi Ċivili.

8. Dan l-aggravju huwa ħażin. Il-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll il-ġurament li jrid l-art. 2160 iddaħħlet bis-saħħa ta' emendi magħmula bl-art. 4 tal-Att I tal-2017 u bl-art. 8 tal-Att VIII tal-2017. Meta l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni fit-tweġiba tiegħu ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2012 din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa tal-ġurament. Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tallum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara.

9. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-aggravju mressaq fir-rikors tal-appell. L-aggravju essenzjalment huwa illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta qalet illi l-preskrizzjoni bdiet tgħaddi minn dakinhar li sar il-ftehim bejn il-partijiet dwar kif kellhom jaqsmu l-ħlasijiet bejniethom, *viz.* mit-12 ta' Settembru 2005:

> »… … … l-appellant huwa tal-fehma illi l-ewwel onorabbli qorti inkorriet fi żball ċar fid-data minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzioni:
>
> »… … … il-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzioni setgħet tiġi eżerċitata, minħabba li l-preskrizzjoni in kwistjoni hija estintiva tal-azzjoni. Għaldaqstant, japplika l-prinċipju li żmien pre-skrittiv jibda jiddekorri biss minn dak in-nhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natæ non præscribitur* u jinsab enunċjat kjarament fl-artikolu 2137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi "l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżercitata mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".
>
> »… … …
>
> »Premess dan, huwa utli, fid-determinazzjoni tad-*dies a quo* skond il-predett artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, illi għal dak li huwa d-dritt ta' azzjoni għal kreditu wieħed jiddistingwi bejn il-prestazzjoni rimessa għall-att potestativ tal-kreditur u l-każ fejn il-prestazzjoni hi bla terminu jew b'terminu inċert.
>
> »Illi l-Qorti tal-Appell, fil-kawżi fl-ismijiet <u>Bażilju Zammit *v.* Leonardu Mizzi *et*</u> [Appell Ċivili, 19 ta' Ġunju 1970] u <u>Catherine Busuttil *et v.* Catherine Farrugia</u> [Appell Ċivili, 12 ta' Marzu 1973] tisħaq illi f'każ fejn ma ġie konkordat l-ebda żmien għar-restituzzjoni l-*exordium obligationis* bħal fil-każ odjern għal fini tal-preskrizzjoni ma huwiex dak tad-data tal-iskrittura, imma d-data li fiha kellha ssir ir-restituzzioni li tittieħed in konsiderazzjoni.
>
> »Illi sabiex tkun tista' tiġi determina liema hi din id-data ta' restituzz-joni, wieħed ikollu jirreferi għall-artikolu 1078(*a*) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid illi "jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk dik is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax".
>
> »Illi għaldaqstant, meta wieħed japplika dan l-artikolu għall-fattispeċje tal-każ odjern, jekk għall-grazzja tal-argument wiehed kellu fl-agħar ipoteżi jqis illi l-ħlas tas-somma ta' flus kellha ssir bla imgħax, it-terminu preskrittiv oppost ta' ħames snin ma kellux il-bidu tiegħu fid-data tal-iskrittura odjerna, u *cioè* fit-12 ta' Settembru 2005, iżda mid-data tad-dekors tas-sentejn li fihom kellu jsir ir-radd lura tal-ħlas skond

il-previżjoni [*sic*] tal-liġi fl-artikolu predett. Illi dana jfisser illi l-perijodu preskrittiv kien jibda jiddekorri mit-12 ta' Settembru 2007 u mhux mid-data tal-iskrittura kif ingħad mill-ewwel onorabbli qorti. Għaldaqstant, il-perijodu kwinkwennali estintiv ma kienx għadu skada meta ġiet intavolata l-azzjoni fil-15 ta' Novembru 2011.

»Illi *inoltre*, mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jiġi rilevat illi d-dritt tal-azzjoni tal-appellant, skond il-prinċipju Ruman *contra non valentem agere non currit præscriptio*, isib applikazzjoni fejn il-liġi tippermetti dan minħabba ostakoli materjali. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni fil-każijiet ta' sospensjoni, jew f'dawk fejn, eċċezzjonal-ment, il-liġi tikkonċedi rilevanza lil ċerti ostakoli materjali għall-eżerċizzju tad-dritt.

»Illi fil-kawża fl-ismijiet <u>Winston Montanaro Gauci *pro et noe v.* Tarcisio Rapa *et*</u> [Q. Maġ. Għawdex, Superjuri, 13 ta' Marzu 2013], dik l-onor-abbli qorti qalet illi "jeżistu sitwazzjonijiet ta' ċerti impedimenti li jagħmluha impossibli, jew diffiċli, għall-eżerċizzju tal-azzjoni li tkun, mill-parti. Dan jokkorri, per eżempju, meta l-ammont ta' ħsara jieħu tul ta' żmien biex jiġi determinat, għax il-"ħsara" tirrepeti ruħha kull tant żmien. Ma tistax tinbeda kawża biex fiha jintalab kumpens għall-ħsarat li għadhom ma ġewx kristalizzati, u l-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm, fil-fatt, il-ħsara tibqa' tiggrava". Konsimilment, il-qorti fil-kawżi fl-ismijiet <u>Muscat *et v.* Muscat Scerri *et*</u> [App. 26 ta' Ġunju 2009] u <u>Portelli *v.* Attard</u> [P.A. 20 ta' Marzu 1997] tgħid illi "meta d-danni ma jiġux determinati f'mument wieħed, iżda jibqgħu javveraw ruħhom tul iż-żmien, b'mod li jista' jingħad li l-ħsara qiegħda kontinwament issir, kif jidher li qed jiġri f'dan il-każ, it-terminu ta' preskrizzjoni jkun kontinwament qed jiġi "interrot", u dan it-terminu ma jibdiex jgħaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex il ħsara tieqaf tkompli ssir".

»Fil-każ in eżami, għalkemm mhux qed nittrattaw dwar xogħlijiet, iżda l-prinċipju jibqa' l-istess billi l-ħsara, *ossia* dannu, soffert mill-appellant baqa' de||em jiżdied u dan riżultat tal-imgħax li kien qiegħed jakkumula kif ukoll il-multi illi kienu qed jiġu imposti, liema ammonti kienu għadhom jakkumulaw sad-data meta ġew istitwiti l-proċeduri odjerni. Difatti, f'dan ir-rigward, it-talba illi saret lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet waħda *da liquidarsi*. Konsegwentement, tenut kont ta' dawn il-fatti, jemerġi illi l-preskrizzjoni lanqas ma setgħet tibda tiddekorri. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li kkonkludiet l-ewwel onorabbli qorti, żgur ma jistax jingħad li l-azzjoni tar-rikorrent appellant hija preskritta.«

10. Fil-każ tallum l-attur effettivament ħallas dejn ta' ħaddieħor. Billi ħallas għax kien hu ukoll obbligat mal-konvenut għall-ħlas tad-dejn, u kellu interess iħallsu, seħħet *ipso iure* surroga favur tiegħu[1]. Dan il-fatt ma jibdilx in-natura tad-dejn; billi wieħed iħallas id-dejn ta' ħaddieħor ma

[1] Art. 1166(*ċ*) Kod. Ċiv.

jibdilx għall-agħar il-kondizzjoni ta' dak il-ħaddieħor. Li jiġri hu illi min iħallas jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur. Għalhekk, il-preskrizzjoni favur il-konvenut – li bdiet minn dakinhar li nħoloq id-dejn favur il-kreditur – ma nkisritx u ma bdietx tgħaddi mill-ġdid, iżda kompliet għaddejja. Id-*dies a quo* mela huwa dak ta' meta nħolqot l-obbligazzjoni tal-konvenut favur il-kreditur oriġinali, *viz.* mit-12 ta' Settembru 2005, mhux għax dakinhar sar il-ftehim bejn l-attur u l-konvenut iżda ghax dakinhar sar il-ftehim mad-dipartiment u dakinhar inħolqot l-obblig-azzjoni favur id-dipartiment.

11. L-argumenti mressqa mill-attur appellant dwar id-*dies a quo* huma għalhekk irrelevanti.

12. Dan ifisser ukoll, iżda, illi s-sentenza appellata hija ħażina, mhux minħabba l-argument tad-*dies a quo*, iżda għax l-azzjoni għall-ħlas tat-taxxa ma tintlaqatx bl-art. 2156(*f*) tal-Kodiċi Ċivili iżda b'dispos-izzjonijiet oħra tal-liġi. Il-qorti sejra għalhekk tħassar is-sentenza appellata, għalkemm mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-attur, bla ħsara għal kull jedd li jista' jkollu l-konvenut taħt l-art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u tibgħat l-atti lura lill-

ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi l-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
rm